A.L. 274 ta' l-2006

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2006 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2006 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra hawn aktar 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 140 ta' l-2005.

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Għandu jingħabar mill-awtorità kompetenti dritt għall-ftuħ u ż-żamma ta' akkont fir-reġistru, imsejjaħ Dritt ta' Reġistru ta' Malta dwar Negozju ta' l-Emissjonijiet (DRNME), li għandu jitħallas bir-rata stabbilita fl-Anness 7 ma' dawn ir-regolamenti.".

Iżid l-Anness 7 mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-Anness 6 li jinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied l-Anness 7 ġdid li ġej:

"Anness 7

Dritt ta' Reġistru ta' Malta dwar Negozju ta' l-Emissjonijiet imsemmi fir-Regolament 17

Tabella 1

Drittijiet għal ftuħ ta' akkonti u ż-żamma annwali ta' akkonti fir-reġistru ta' Malta dwar negozju ta' l-emissjonijiet

	Ftuħ ta' Akkont	Żamma Annwali
Operatur	dritt ibbażat fuq medji stmati ta' emissjonijiet rapurtati annwali ekwivalenti f'tunnellati metriċi ta' dijossidu karboniku (CO_2), skond it-Tabella 2 ma' dan l-Anness, dovut mal-ftuħ tal-akkont	dritt ibbażat fuq il-kwantita` annwali ta' konċessjonijiet allokati skond il-Pjan ta' Allokazzjoni Annwali lill-operatur fir-rigward ta' stallazzjoni għal liema l-akkont jiġi miftuħ, skond it-Tabella 3 ma' dan l-Anness, dovut mill-ewwel sena wara s-sena li fiha l-akkont jiġi miftuħ
Persuna Reġistrata (Kummerċjali)	Lm100	Lm50
Verifikatur Reġistrat	Lm100	Lm50

Tabella 2

Drittijiet għal ftuħ ta' akkont ta' operatur

Medji stmati ta' emissjonijiet rapurtati annwali	Dritt ta' ftuħ ta' akkont dovut f'Liri Maltin
anqas minn jew indaqs għal 50 tunnellati metriċi f'ekwivalenza ta' dijossidu karboniku (emissjonijiet annwali ≤ 50 tunnellati metriċi)	500
aktar minn 50 tunnellati metriċi u anqas minn jew indaqs għal 500 tunnellati metriċi f'ekivalenza ta' dijossidu karboniku (50 tunnellati metriċi < emissjonijiet annwali ≤ 500 tunnellati metriċi	1,000
aktar minn 500 tunnellati metriċi f'ekwivalenza ta' dijossidu karboniku (emissjonijiet annwali > 500 tunnellati metriċi)	1,500

Tabella 3

Dritt għaż-żamma annwali ta' akkonti ta' operatur

Kwantita` ta' konċessjonijiet allokati skond il-Pjan ta' Allokazzjoni Annwali fir-rigward tas-sena għal liema d-dritt għaż-żamma annwali tal-akkont hu dovut	Dritt għaż-żamma tal-akkont dovut f'Liri Maltin
għal kull 100,000 jew parti minnhom	100.".